# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2024.**

**Numru 6**

**Rikors numru 201/16/1 MH**

**Dimbros Limited (C-32506)**

**v.**

**Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li laqgħet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' ħames snin.

2. Permezz tar-Rikors Ġuramentat tagħha, is-soċjetà attriċi wara li ppremettiet:

"1. Illi l-intimata Korporazzjonui Għas-Servizzi tal-Ilma harget sejha għall-offerta bin-numru ufficjali – CT/WSC/T/6/07 maqsum fi tlett lots għal xogħolijiet ġewwa r-Rabat u Ħad-Dingli;

2. Illi r-rikorrenti ġiet assenjata x-xogħol in kwistjoni mingħand l-intimata u sahansitra kienet hargitilha *order to start works*;

3. Illi kif kien ser jinbeda x-xogħol, l-Awtoritajiet dwar il-Wirt Kulturali ordnaw il-waqfien tax-xogħolijiet minhabba s-sejbien ta` xi reperti storiċi f`xi uhud mit-toroq li fihom kienu ser isiru x-xogħolijiet;

4. Illi pero` għalkemm ix-xogħolijiet f`toroq oħra setgħu jitkomplew, l- intimata ma awtorizzatx lir-rikorrenti sabiex tipprocedi bix-xogħol in kwistjoni;

5. Illi f`xi żmien wara s-Soċjeta` rikorrenti saret taf li l-intimata assenjat ix- xogħol, li kien diġa` assenjat lilha, lil terzi b`dannu għall-istess rikorrenti;

6. Illi minkejja li l-intimata ġiet interpellata permezz ta` ittra ufficjali nhar it-28 ta` Lulju 2015 għal likwidazzjoni u l-hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti hija baqgħet inadempjenti minkejja diversi wegħdiet ta` transazzjoni".

3. Talbet lill-Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara li l-intimata bl-agir taggħa kkawzat danni lir-rikorrenti u li hija responsabbli għall-istess danni;

2. Tillikwida okkorrendo permezz ta` periti nominandi d-danni sofferti mir-rikorrenti;

3. Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta` l-ittra ufficjali numru 2663/2015 u bl-imgħax dekorabbli skont il-ligi kontra l-intimati li r-rappreżentanti tagħha huma minn issa ngunti in subizzjoni".

4. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta Ġuramentata tagħha, il-konvenuta:

"Teċċepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikoli 2153 u/jew 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta".

5. B’sentenza tas-7 ta’ Frar 2020 il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet parti minn din l-eċċezzjoni billi ddikjarat l-azzjoni preskritta *a tenur* tal-Art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

6. Il-Qorti għamlet din ir-rikapitulazzjoni tal-provi kif irriżultawlha mill-atti:

> “i. Fi Frar 2007 il-Korporazzjoni konvenuta ħarġet tender għal xogħlijiet f’diversi toroq fl-inħawi tar-Rabat7 li għalih is-soċjeta’ attriċi tefgħet offerta fis- 6 ta’ Marzu 2007;
>
> ii. Permezz ta’ ittra datata 3 ta’ Ġunju 2009 il-Korporazzjoni konvenuta nfurmat lis-soċjeta’ attriċi li b’effett minn dik id-data kienet ġiet aċċettata l- offerta tagħha għat-tender. F’din l-ittra s-soċjeta’ attriċi ġiet infurmata wkoll li x-xogħlijiet kellhom jibdew mal-ħruġ ta’ ordni bil-miktub tal-enġinier inkarigat;
>
> iii. Meta kienu ser jinbdew ix-xogħlijiet is-soċjeta’ attriċi ġiet imwaqqfa minn naħa ta’ Heritage għax instabu xi oqbra eċċ. Wara korrispondenza skambjata dwar kif setgħet tiġi riżolta din il-kwistjoni l-MEPA nfurmat li kien meħtieġ full development permit;
>
> iv. Fis-16 ta’ April 2010 kien hemm skambju ta’ emails bejn il-Korporazzjoni konvenuta u d-Dipartiment tal-Kuntratti bil-għan li s-soċjeta’ attriċi tingħata xogħol alternattiv, liema proposta pero’ ġiet rifjutata mid-Dipartiment tal- Kuntratti;
>
> v. Permezz ta’ ittra datata 28 ta’ Novembru 2011 il-Korporazzjoni konvenuta nfurmat lis-soċjeta’ attriċi li l-MEPA kienet approvat il-permess sabiex jibdew ix-xogħlijiet imsemmija. L-istess Korporazzjoni talbet lis-soċjeta’ sabiex fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi l-ittra tissottometti l-programm ta’ xogħlijiet li jindikaw meta kienu ser jinbdew ix-xogħlijiet u wkoll kemm se jdumu;
>
> vi. Finalment dan ix-xogħol spiċċa ma sarx mis-soċjeta’ attriċi iżda nħareġ tender ġdid fil-5 ta’ Settembru 2014 li kien jikkomprendi ħafna aktar xogħlijiet. Il-kuntratt għal dan it-tender il-ġdid ġie ffirmat ma’ konsorzju terz fil-5 ta’ Jannar 2015. Kien biss ix-xogħol relatat ma’ Triq it-Tabija fir-Rabat li sar mill-kuntrattur terz;

vii. Bħala pagamenti lil dan il-konsorzju terz saru sitta. L-ewwel pagament fil- forma ta' pre-financing sar fil-11 ta' Mejju 2015 u sussegwentement saru pagamenti oħra fil-25 t'Awissu, 27 ta' Novembru, 14 ta' Diċembru u 30 ta' Diċembru tal-istess sena. L-aħħar pagament li jirreferi għar-rilaxx ta' garanzija fuq ix-xogħol skont it-termini tal-kuntratt sar f'Mejju 2017;

viii. Permezz ta' ittra uffiċċjali datata 28 ta' Lulju 2015 is-soċjeta' attriċi nterpellat lill-Korporazzjoni konvenuta sabiex tersaq għall-likwidazzjoni u l- ħlas tad-danni sofferti minnha stante li kif sottolineat minnha hija dejjem kienet lesta li tagħmel ix-xogħol mitlub u dan ma setax isir għal raġunijiet mputabbli biss lill-Korporazzjoni konvenuta u li issa kien ġie assenjat lil terzi;

ix. Il-kawża odjerna ġiet intavolata fil-11 ta' Marzu 2016".

7. Abbażi ta' dawn il-*findings of fact*, l-Ewwel Qorti esponiet iż-żewġ veduti kuntrastanti tal-partijiet dwar il-*punctum temporis* minn meta skattat il-preskrizzjoni:

"Il-Korporazzjoni konvenuta… targumenta li din il-preskrizzjoni kellha tibda tiddekorri mill-2009 stante li s-soċjeta' attriċi, wara li ħadet it-tender mill-ewwel saret taf li ma setgħux jibdew ix-xogħlijiet minħabba l-oqbra eċċ li nstabu. Fl-agħar ipoteżi l-preskrizzjoni għandha titqies li bdiet tiddekorri minn April tas-sena 2010 meta d-Dipartiment tal-Kuntratti ċaħad il-proposta li s-soċjeta' attriċi tingħata xogħol alternattiv. Tenut kont li l-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja saret fit-28 ta' Lulju 2015, il- kawża hija preskritta.

Minn naħa tagħha s-soċjeta' attriċi tirribatti li... għalkemm it-tender ingħata fl-2009, il-permess tal-MEPA biex isir ix-xogħol inħareġ fl-2011 u għalhekk huwa mill-2011 li għandha tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Hija argumentat li l-bażi tal-azzjoni mhijiex għax ma tħallsitx tat-tender imma li wara li ġie kanċellat, u minn hemm skont hi jibda l-effett dannuż, ix-xogħol ġie assenjat lil terzi u tħallsu t-terzi. It-tender il-ġdid ħareġ fl-2014 filwaqt li l-att ġudizzjarju tagħha ġie ntavolat fl-2015 u l-kawża bdiet fl-2016. Isegwi skont is- soċjeta' attriċi li l-kawża mhix preskritta…"

8. Imbagħad, wara li skartat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn, ikkunsidrat hekk dwar il-*punctum temporis*:

"Il-kwistjoni ewlenija hija minn meta bdew jiddekorru l- ħames snin u dan għandu jiġi kalkolat skont dak li jipprovdi l-artikolu 2137 tal- Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Isegwi li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta tkun tnisslet il-ħsara oriġinarjament u mhux minn fatturi sussegwenti li *se mai* ikomplu jawmetaw id-dannu subit. Kif ingħad fid-deċizzjoni fl-ismijiet harwood malcolm vs aquilina joseph et. "..il vjolazjoni ta' dritt kien fatt storiku oggettiv.." (p.a.27/01/2003). Dan il-fatt tkompli l-istess deċizzjoni jezisti saħansitra ndipendentement anke mill-konsapevolezza ta' l-attur.

Il-Qorti tqis li minn dak li rriżulta mill-atti sa issa, ftit wara li s-soċjeta' attriċi ġiet mgħarrfa li rebħet it-tender fit-3 ta' Ġunju 2009 hija ġiet imwaqqfa milli tibda bix-xogħlijiet mill-Awtorita' kompetenti stante s-sejbien ta' xi oqbra eċċ. Irriżulta wkoll li fil-perjodu sa April 2010 kien hemm anke tentattiv biex is- soċjeta' attriċi tingħata xogħol alternattiv. Mela għall-Qorti fil-perjodu bejn Ġunju 2009 għal massimu sa April 2010 s-soċjeta' attriċi kienet konsapevoli tal-fatt li t-tender CT/WSC/T/6/07 kif mirbuħ minnha ma setgħetx twettqu skont it-time frames u l-kriterji maqbula. Huwa minn hawn li għalhekk *se mai* beda jiskatta d-dannu għaliha. Il-fatt li, **wara** li s-soċjeta' attriċi twaqqfet milli tibda x-xogħlijiet, il-Korporazzjoni konvenuta ddeċidiet li tapplika u rnexxielha tottjeni l-*full development permit* tal-MEPA (li del resto ma kienx hemm garanzija li se joħroġ u meta ser joħroġ) kif ukoll li sussegwentement inħareġ tender ġdid fl-2014 li parzjalment ikopri x-xogħol li kellha tagħmel is-soċjeta' attriċi u li ġie assenjat lil terzi, ma jbiddel xejn mill-fatt li l-ħsara lis-soċjeta' attriċi kienet ilha li bdiet issir. Dan għax kif ingħad hija kienet ilha minn bejn Ġunju 2009 żgur sa qabel April 2010 li kienet taf bl-impediment li kellha, u li ma kienx jiddependi minnha, milli twettaq ix-xogħlijiet assenjati lilha skont it- tender assenjat lilha.

Il-Qorti tinnota wkoll li ma kien hemm ebda ostaklu jew impossibilita' legali għas-soċjeta' attriċi biex fil-frattemp almenu tinterrompi l-preskrizzjoni perjodikament.

Għalhekk tenut kont li l-ewwel att ġudizzjarju tas-soċjeta' attriċi ġie ntavolat fit-28 ta' Lulju 2015 l-azzjoni hija ċertament preskritta għax laħqu għaddew il- ħames snin".

9. L-attriċi appellat mis-sentenza msemmija bl-aggravju li ddeċidiet ħażin dwar il-mument li fih beda miexi l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin, li skontha ma kienx meta twaqqfet mix-xogħol minħabba s-sejbiet

arkeoloġiċi, u lanqas meta ġiet miċħuda xogħol alternattiv, imma meta l-appalt ingħata lil terzi, għaliex kien f'dan il-punt li skattaw id-danni.

Ikkunsidrat:

10. Il-kawżali li fuqha l-attriċi ssawwar it-talba għad-danni hija ksur mill-konvenuta tal-obbligazzjoni li tagħtiha l-kuntratt tal-appalt. Għalhekk, id-dritt pretiż mill-attriċi twieled fil-mument li din l-obbligazzjoni ġiet miksura. L-Ewwel Qorti qieset li l-punt tat-tluq huwa ftit wara t-3 ta' Ġunju 2009 meta l-attriċi twaqqfet milli tkompli bix-xogħol minħabba l-oqbra li nstabu fuq is-sit tax-xogħol, jew alternattivament mis-sena 2010 meta d-Dipartiment tal-Kuntratti rrifjuta li l-attriċi tingħata xogħol alternattiv. Skont l-Ewwel Qorti, kien minn xi waħda minn dawn id-dati li bdiet il-ħsara li minnha tilmenta l-attriċi. Din il-Qorti ma taqbilx. Meta ġiet miżmuma minħabba l-oqbra, ma kien hemm l-ebda ksur tal-kuntratt mill-konvenuta. Skont il-kuntratt, ix-xogħol kellu jkun sempliċiment sospiż. Meta d-Dipartiment tal-Kuntratti irrifjuta li jagħti xogħol alternattiv, ma jfissirx li l-attriċi kienet impeduta milli tagħmel ix-xogħol pattuwit. Tant hu hekk, li permezz tal-ittra tat-28 ta' Novembru 2011 suċċitata, il-konvenuta stiednet lill-attriċi tibgħatilha programm ta' xogħlijiet li jindika meta kienu ser jinbdew ix-xogħlijiet u kemm se jdumu. Mela almenu sa dik id-data, il-konvenuta kienet għadha disposta tħalli lill-attriċi twettaq il-kuntratt. Li jfisser li l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin żgur li beda jimxi f'xi

waqt wara din id-data, u mhux qabilha. Perjodu li ċertament ġie interrott permezz tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Lulju 2015.

***Decide***

11. Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda tilqa' l-aggravju tal-attriċi fis-sens fuq spjegat, tħassar is-sentenza appellata u tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Spejjeż ta' dan l-appell a kariku tal-konvenuta. Tordna li l-proċess jiġi mibgħut lura lill-Prim'Awla biex tkompli tisma' l-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm